Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2024/2019DEC

24.10.2024

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Kummissjoni għas-sena finanzjarja 2023
(2024/2019(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Romana Tomc

PA_NonLegBudDec

OPINJONI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora dan li ġej fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2023, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet[1], u r-rapporti speċjali tal-Qorti tal-Awdituri,

1. Jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu li l-Qorti tal-Awdituri ddikjarat li l-kontijiet konsolidati tal-Unjoni għas-sena 2023 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Unjoni f'din id-data;

2. Josserva li l-impenji pendenti totali laħqu livell rekord ta' EUR 543 biljun sa tmiem l-2023, prinċipalment minħabba impenn akbar ta' fondi ta' ġestjoni kondiviża, kif ukoll tan-NextGenerationEU (NGEU), iżda jinnota li l-impenji pendenti totali huma mistennija li jonqsu fil-perjodu 2024-2026;

3. Jinnota bi tħassib li l-Qorti tal-Awdituri tistma li l-livell ta' żball għall-intestatura 2 tal-QFP "Koeżjoni, reżiljenza u valuri" fl-2023 laħaq 9,3 %, meta mqabbel ma' 6,4 % fl-2022; jirrikonoxxi li l-maġġoranza tal-infiq f'dan il-qasam titqies bħala nefqa b'riskju għoli prinċipalment ibbażata fuq ir-rimborżi u spiss soġġetta għal regoli kumplessi; jappella għal azzjoni urġenti biex titnaqqas ir-rata ta' żball fil-futur;

4. Jesprimi tħassib dwar il-fatt li d-diżimpenji previsti tal-Kummissjoni għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni, inkluż il-Fond Soċjali Ewropew Plus, huma ta' EUR 2,2 biljun għall-perjodu 2024-2027, ħames darbiet ogħla mit-tbassir tagħha għall-2022, prinċipalment minħabba assorbiment baxx persistenti;

5. Jinnota li l-inflazzjoni għolja (6,4 %) kompliet taffettwa l-baġit tal-Unjoni; iwissi li, abbażi tal-previżjoni tal-Kummissjoni dwar l-inflazzjoni, il-baġit tal-Unjoni jista' jitlef madwar 13 % tal-kapaċità tal-akkwist tiegħu sa tmiem l-2025;

6. Jitlob lill-Kummissjoni timplimenta mill-aktar fis possibbli r-rakkomandazzjonijiet kollha pendenti tal-Qorti tal-Awdituri.

[1] ĠU C, C/.../..., ..., ELI: ... / Għadhom mhumiex ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali.

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha, li ma rċeviet l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.